IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 218 final

2020/0098 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni prevista tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III u dwar in-notifika ta' differenza mid-data tal-applikazzjoni tal-Emenda 13 għall-Anness 14, Volum 1, tal-Emenda 40C għall-Anness 6, tal-Emenda 77B għall-Anness 3 u tal-Emenda 39 għall-Anness 15

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna:

– Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għall-adozzjoni prevista tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III, tal-Konvenzjoni ta' Chicago mill-Kunsill tal-ICAO f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu.

– Id-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni wara li l-ICAO tħabbar l-adozzjoni tal-Emenda 91 għall-Anness 10 f'ittra lill-Istati, li tistieden lill-Istati Membri biex jinnotifikaw id-diżapprovazzjoni tagħhom, jinnotifikaw kwalunkwe differenza jew il-konformità tagħhom mal-miżura adottata.

– Id-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-Emenda 13- għall-Anness 14 — Ajrudromi, Volum I — Disinn u Operazzjonijiet tal-Ajrudromi, tal-Emenda 40C għall-Anness 6 — Operazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru — Trasport Kummerċjali Internazzjonali tal-Ajru — Ajruplani, tal-Emenda 39 għall-Anness 15 Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika kif ukoll tal-Emenda 77B għall-Anness 3 — Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru f'dak li jikkonċerna l-Format il-ġdid għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, li tistieden lill-Istati Membri biex jinnotifikaw id-differenza fir-rigward tal-konformità mad-data ta' applikabbiltà li trid tiġi posposta b'perjodu ta' sitt xhur meta mqabbla mad-data ta' applikabbiltà stabbilita fl-ittri relatati tal-ICAO lill-Istati.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") għandha l-għan li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru. Il-Konvenzjoni ta' Chicago daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947 u stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

2.2. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hi aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti. L-għanijiet u l-objettivi tal-Organizzazzjoni huma li tiżviluppa l-prinċipji u t-tekniki tan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru u li trawwem l-ippjanar u l-iżvilupp tat-trasport internazzjonali bl-ajru.

Il-Kunsill tal-ICAO huwa korp permanenti tal-ICAO b'36 Stat kontraenti li huma membri tiegħu u eletti mill-Assemblea tal-ICAO għal perjodu ta' tliet snin. Għall-perjodu 2019-2022, hemm seba' Stati Membri tal-UE rrappreżentati fil-Kunsill tal-ICAO.

Fost il-funzjonijiet obbligatorji tal-Kunsill tal-ICAO, elenkati fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, hemm l-adozzjoni ta' standards u prattiki rakkomandati internazzjonali, indikati bħala Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

Wara l-adozzjoni tat-tali miżuri, l-Istati tal-ICAO huma meħtieġa li jinnotifikaw id-diżapprovazzjoni tagħhom, kwalunkwe differenza jew il-konformità tagħhom mal-miżura qabel ma jidħlu fis-seħħ u jsiru legalment vinkolanti.

2.3. L-Att previst tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

2.3.1. Adozzjoni tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tal-Konvenzjoni ta' Chicago fir-rigward tas-Sistema ta' Sejħa Selettiva (Selective Calling System - SELCAL)

Matul waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, il-Kunsill tal-ICAO irid jadotta l-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar is-Sistema ta' Sejħa Selettiva (SELCAL).

L-iskop tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III huwa li jiġi emendat l-Anness 10 tal-Konvenzjoni ta' Chicago – Telekomunikazzjoni Ajrunawtiċi, Volum III – Sistemi ta' Komunikazzjoni, Parti II – Sistemi ta' Komunikazzjoni bil-Vuċi, relatati mas-SELCAL. L-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tintroduċi toni ġodda biex tiġi estiża l-ġabra disponibbli ta' kodiċijiet SELCAL u b'hekk tnaqqas l-inċidenza ta' indikazzjoni falza fil-kokpit. L-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III ġiet żviluppata matul it-tieni laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni tad-*Data* tal-Panel ta' Komunikazzjoni (CP DCIWG/2) u ma tqisitx bħala waħda kontroversjali fil-livell tekniku.

Huwa previst li l-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tibda tapplika fil-5 ta' Novembru 2022 meta ssir legalment vinkolanti fuq il-partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

2.3.2. Id-data tal-applikazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway

Fl-2016, il-Kunsill tal-ICAO adotta metodoloġija ġdida għall-valutazzjoni u għar-rappurtar tal-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runway, magħrufa ġeneralment bħala l-Format għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway li għandu l-għan li jippermetti l-valutazzjoni u r-rappurtar armonizzati tal-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runway u valutazzjoni mtejba korrispondenti tal-prestazzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira waqt it-tlugħ u l-inżul.

Il-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, li japplika mill-5 ta' Novembru 2020, huwa previst mill-Emenda 13 għall-Anness 14 — Ajrudromi, Volum I — Disinn u Operazzjonijiet tal-Ajrudromi, mill-Emenda 40C għall-Anness 6 — Operazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru — Trasport Kummerċjali Internazzjonali tal-Ajru — Ajruplani, mill-Emenda 77B għall-Anness 3 — Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru u mill-Emenda 39 għall-Anness 15 Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika.

Minħabba l-pandemija tal-COVD-19, l-implimentazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway mid-data prevista oriġinarjament mill-ICAO mhijiex realistika fil-livell tal-Unjoni u għalhekk il-Kummissjoni x'aktarx se tadotta posponiment ta' dik id-data fil-livell tal-Unjoni, permezz ta' emendi korrispondenti għar-Regolamenti rilevanti tal-Kummissjoni[1]. Attwalment, huwa wkoll inċert

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010, ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1.
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1.
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza

jekk il-Kunsill tal-ICAO hux se jinkludi fl-aġenda tal-220 jew tal-221 sessjoni tiegħu punt dwar posponiment possibbli tad-data tal-applikazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, u jekk iva, x'deċiżjoni se jieħu l-Kunsill tal-ICAO dwar din il-kwistjoni. Għalhekk, jekk il-Kunsill tal-ICAO ma jipposponix dik id-data fi żmien debitu, tkun xi tkun ir-raġuni, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jinnotifikaw differenza li tkopri il-posponiment, jekk ikun hemm, adottat fil-livell tal-Unjoni.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III

3.1.1. Bidliet ewlenin li jridu jiġu introdotti bl-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III u r-relazzjoni tagħhom mar-regoli eżistenti tal-Unjoni

Il-bidla ewlenija li trid tiġi introdotta mill-proposta għall-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III hija l-introduzzjoni ta' toni ġodda biex tiġi estiża l-ġabra disponibbli ta' kodiċijiet SELCAL u b'hekk titnaqqas l-inċidenza ta' indikazzjoni falza fil-kokpit. Il-karatteristiki tas-sistema tas-SELCAL oriġinarjament kienu rakkomandazzjonijiet ifformulati fis-snin 50 meta ma setgħux jiġu garantiti l-livelli speċifikati ta' prestazzjoni. It-tagħmir immanifatturat mis-snin 70 jissodisfa aktar faċilment dawk ir-rekwiżiti u għalhekk l-applikazzjoni uniformi tagħhom jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta għas-sikurezza u għar-regolarità tan-navigazzjoni internazzjonali. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni dwar il-pakkett ta' modulazzjoni ġiet separata fi standard u f'rakkomandazzjoni għax l-applikazzjoni uniformi tagħha hija biss mixtieqa.

L-ICAO jipprovdi wkoll mekkaniżmu li permezz tiegħu t-toni l-ġodda jistgħu jiġu introdotti b'impatt minimu fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru. It-tagħmir bikri fuq l-art, li jista' jinkiseb b'inqas kost, se jippermetti installazzjoni f'fażijiet fuq l-inġenju tal-ajru, li b'mod predominanti se sseħħ permezz tal-forward fit.

L-Unjoni tirrikonoxxi n-nuqqas ta' kodiċijiet SELCAL li jistgħu jiġu assenjati lil inġenju tal-ajru u l-mezzi biex jiġi mmitigat in-nuqqas billi jiġi estiż l-għadd ta' karattri li jistgħu jintużaw għall-kodiċi SELCAL assenjat għall-inġenji tal-ajru l-ġodda.

Is-SELCAL ma għandhiex sinifikat kbir fis-servizzi Ewropej tan-navigazzjoni bl-ajru. Madankollu, hija mezz ta' komunikazzjoni, hemm mod standard kif din tiġi ppreżentata fil-pjan tat-titjira u xi operaturi tal-inġenji tal-ajru jistgħu jitolbu lis-servizzi tat-traffiku tal-ajru biex jużawha f'ċerti sitwazzjonijiet. Dan jiġri rari ħafna però.

Is-SELCAL hija msemmija fil-materjal ta' gwida tal-EASA, f'enumerazzjoni ta' sitwazzjonijiet possibbli, tar-Regolament (UE) Nru 923/2012 u fir-Regolament (UE) 2020/469 li jemenda l-Anness IV - Parti-ATS tar-Regolament (UE) 2017/373.

L-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tikkonċerna l-aktar dawk il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSP) li qed jipprovdu servizzi għar-reġjun tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NAT) tal-ICAO, l-ispazju tal-ajru oċeaniku fuq l-Oċean Atlantiku, u wkoll is-servizzi tal-Maniġer tan-Netwerk, b'mod partikolari s-Sistema Integrata għall-Ipproċessar tal-Pjan Inizjali tat-Titjira (IFPS). L-ANSPs rilevanti se jkollhom jinstallaw it-titjib tekniku

---

tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011, ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1.

meħtieġ. Il-Maniġer tan-Netwerk se jkollu jaġġorna l-IFPS biex is-sistema tkun tista' taċċetta l-kodiċijiet SELCAL il-ġodda sabiex jiġi evitat ir-rifjut tal-pjanijiet tat-titjira meta ma jiġix rikonoxxut il-kodiċi.

Il-punt (c) tas-CNS.TR.100 "Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-forniturи ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza" tar-Regolament (UE) 2017/373 qed jirreferi għall-Anness 10 tal-ICAO, Volum III sal-Emenda 89 inkluża, u jeħtieġ emenda xierqa fil-livell tal-Unjoni.

3.2. Format għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway

3.2.1. Id-data tal-applikazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway

L-investigazzjonijiet tal-aċċidenti jindikaw li l-istandards għall-valutazzjoni u r-rapportar tal-kundizzjoni tas-superfiċje tar-runway mhumiex armonizzati, u wrew li dan il-fatt huwa fattur sinifikanti li jikkontribwixxi għall-eskursjonijiet fuq ir-runway, b'mod partikolari meta r-runway tkun imxarrba jew ikkontaminata. Għalhekk l-ICAO emendat għadd ta' Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs) f'diversi Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Xi wħud minn dawn l-emendi kienu jeħtieġu l-adattament tad-dritt eżistenti tal-Unjoni. Din il-ħtieġa diġà ġiet riflessa fl-atti ta' implimentazzjoni u delegati tal-Kummissjoni[2].

L-Emenda 77B għall-Anness 3, l-Emenda 13 għall-Anness 14, l-Emenda 40 għall-Anness 6 u l-Emenda 39 għall-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago maħsuba biex inaqqsu l-inċidenti u l-aċċidenti ta' eskursjonijiet fuq ir-runway ġew adottati mill-Kunsill tal-ICAO matul l-2016 u se jibdew japplikaw mill-5 ta' Novembru 2020. Dawn l-emendi diġà ġew inkorporati fil-livell tal-Unjoni fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/469 u 2019/1387.

Madankollu, minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni kkawżat mill-COVID-19 u bħala rispons għan-nuqqas attwali ta' riżorsi kemm tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll tal-operaturi kkonċernati, il-Kummissjoni biħsiebha tipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati rilevanti tal-Kummissjoni b'perjodu ta' sitt xhur.

---

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012, ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 u r-Regolament (UE) 2017/373 fir-rigward tar-rekwiżiti għas-servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tan-navigazzjoni tal-ajru, id-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-kwalità tad-*data* u s-sikurezza tar-runways u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 73/2010, ĠU L 104, 3.4.2020, p.1.
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010, ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1.
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1.
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturи ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011, ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1.

3.3. Pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni

3.3.1. Fir-rigward tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III

Il-pożizzjoni proposta li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-ICAO hija li tiġi appoġġata l-Emenda 91 proposta għall-Anness 10, Volum III tal-Anness 10 fl-intier tagħha. Għalhekk, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill tal-ICAO u n-notifika tagħha permezz ta' ittra lill-Istati, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Istati Membri jinnotifikaw il-konformità mal-miżura adottata.

3.3.2. Fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, filwaqt li jiġu appoġġati bis-sħiħ, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-kapaċità tal-Istati Membri u tal-operaturi kkonċernati li jimplimentawhom kif meħtieġ bħalissa mir-regoli tal-ICAO, il-pożizzjoni proposta li trid tittieħed f'isem l-Unjoni hija kif ġej:

- jekk il-kwistjoni tal-posponiment tal-iskadenza ma tiġix inkluża fl-aġenda tal-Kunsill tal-ICAO matul il-220 jew il-221 sessjoni tiegħu, jew jekk il-posponiment ta' sitt xhur ma jiġix adottat mill-Kunsill tal-ICAO, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li jiġu nnotifikati d-differenzi f'każ li l-iskadenza prevista fid-dritt rilevanti tal-UE tiġi posposta b'sitt xhur. L-Istati Membri tal-UE se jinnotifikaw differenza filwaqt li jinfurmaw lill-ICAO li l-implimentazzjoni, jiġifieri konformità mal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, se tkun posposta b'perjodu ta' sitt xhur.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "[i]l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim[3].

Il-kunċett ta' "*atti li għandhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[4].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hija korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

---

[3] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III li l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali qed tintalab tadotta, tikkostitwixxi att li għandu effetti legali. Għandha effetti legali għax tbiddel għadd ta' standards, li kapaċi joħolqu obbligu legali vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

Barra minn hekk, l-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tbiddel "rakkomandazzjoni" fi standard u tnaqqas il-grad ta' standard għal "rakkomandazzjoni". Minkejja d-denominazzjoni tagħhom, dawk ir-"rakkomandazzjonijiet" għandhom natura li tibdel is-sitwazzjoni legali eżistenti skont l-istandards preeżistenti. Il-bidla fl-istatus tad-dispożizzjonijiet tiġġenera obbligi differenti għall-Istati.

Fir-rigward tan-notifika tad-differenzi b'rabta mad-data tal-applikazzjoni tal-Format il-ġdid tal-ICAO għar-Rappurtar Globali tal-Kundizzjonijiet tas-Superfiċje tar-Runway, il-pożizzjoni komuni tal-Unjoni tiżgura li l-Istati Membri kollha jinnotifikaw differenzi fi ħdan il-limiti ta' din id-deċiżjoni li jirriżultaw mill-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u b'hekk jikkonformaw mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago u għalhekk ma jitqisux li jkunu qed jiksru l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Chicago.

Dawk l-Emendi la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti għandhom x'jaqsmu ma' politika komuni dwar it-trasport.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2020/0098 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni prevista tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III u dwar in-notifika ta' differenza mid-data tal-applikazzjoni tal-Emenda 13 għall-Anness 14, Volum 1, tal-Emenda 40C għall-Anness 6, tal-Emenda 77B għall-Anness 3 u tal-Emenda 39 għall-Anness 15

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni"), li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Hija stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

(2) L-Istati Membri tal-Unjoni huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni u membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċerti korpi tal-ICAO.

(3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO jista' jadotta standards u prattiki rakkomandati internazzjonali.

(4) Matul waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, il-Kunsill tal-ICAO irid jadotta l-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar is-Sistema ta' Sejħa Selettiva (SELCAL).

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-ICAO peress li l-Emenda 91 proposta għall-Anness 10, Volum III se tkun vinkolanti għall-Unjoni u tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[5]. Ladarba tiġi adottata, l-Emenda prevista se tkun vinkolanti għall-Istati kollha tal-ICAO, inkluż l-Istati Membri kollha, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Chicago u fi ħdan il-limiti stabbiliti fiha. L-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago jeżiġi li l-Istati kontraenti jinnotifikaw lill-ICAO jekk ikollhom l-intenzjoni li jiddevjaw minn standard, skont il-mekkaniżmu tan-notifika tad-differenzi.

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

(6) L-iskop ewlieni tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III huwa li tintroduċi toni ġodda biex tiġi estiża l-ġabra disponibbli ta' kodiċijiet SELCAL u b'hekk tnaqqas l-inċidenza ta' indikazzjoni falza fil-kokpit. Tintroduċi wkoll xi bidliet rigward ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiki tas-sistema u tipprevedi mekkaniżmu għall-introduzzjoni tal-kodiċijiet il-ġodda b'impatt minimu għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

(7) L-Unjoni hija sostenitriċi qawwija tal-isforzi tal-ICAO biex ittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni billi tiżgura l-forniment sikur u preċiż ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza. Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi msemmija hawn fuq.

(8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni waqt waħda mis-sessjonijiet li jmiss tal-Kunsill tal-ICAO fir-rigward tal-Emenda 91 prevista għall-Anness 10, Volum III trid tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni.

(9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni wara l-adozzjoni tal-Emenda 91 għall-Anness 10 mill-Kunsill tal-ICAO, li trid titħabbar mis-Segretarju Ġenerali tal-ICAO permezz ta' proċedura ta' ittra tal-ICAO lill-Istati, jenħtieġ li tkun li tinnotifika l-konformità mal-emenda u trid tiġi espressa mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

(10) Fl-2016, il-Kunsill tal-ICAO adotta emendi għal għadd ta' annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago maħsuba biex inaqqsu l-inċidenti u l-aċċidenti ta' eskursjonijiet fuq ir-runway. Dawk l-emendi huma pprovduti fl-ittri lill-Istati AN 4/1 2.26-16/19, AN 2/2.4 – 16/18, AN 10/1.1 – 16/17 u AN 11/1.3.29-16/12 u se jibdew japplikaw fl-Istati Kontraenti tal-ICAO mill-5 ta' Novembru 2020 ("l-Emendi").

(11) L-Unjoni hija sostenitriċi qawwija tal-isforzi tal-ICAO biex ittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni. Dawn il-bidliet li jintroduċu metodoloġija armonizzata għall-valutazzjoni u r-rappurtar tal-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runway se jikkontribwixxu biex jitnaqqas ir-riskju ta' eskursjonijiet fuq ir-runway waqt l-inżul minħabba kontaminazzjoni tar-runway bħall-borra, il-ġlata, is-silġ maħlul jew l-ilma.

(12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1397[6] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469[7] jinkorporaw dawk l-emendi fid-dritt tal-Unjoni.

(13) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/469 u 2019/1387 se japplikaw parzjalment mill-5 ta' Novembru 2020 f'konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Emendi. Madankollu, il-COVID-19 kellha impatt konsiderevoli fuq l-isforzi li saru mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati fl-avjazzjoni biex iħejju għall-applikazzjoni tal-miżuri l-ġodda elenkati fl-Emenda 77B għall-Anness 3, fl-Emenda 13 għall-Anness 14, fl-Emenda 40 għall-Anness 6 u fl-Emenda 39 għall-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

(14) B'mod partikolari, il-konfinament u l-qgħad parzjali tal-persunal, flimkien mal-ammont ta' xogħol addizzjonali meħtieġ biex jiġu ġestiti l-konsegwenzi negattivi tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati kollha, kienu ostaklu għall-progress.

(15) Kemm l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll l-operaturi qed jesperjenzaw diffikultajiet fit-tħejjija tal-implimentazzjoni tal-Emendi. Għalhekk jista' jkun meħtieġ li d-data tal-

[6] ĠU L 229, 5.9.2019, p. 1.
[7] ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1.

applikazzjoni prevista fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/469 u 2019/1387 tiġi posposta b'sitt xhur.

(16) Jekk il-Kunsill tal-ICAO ma jipposponix id-data tal-applikazzjoni tal-Emendi b'sitt xhur, filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-istandards rilevanti tal-ICAO b'sitt xhur, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tinnotifika differenza f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago u li tinforma l-ICAO bl-intenzjoni tagħha li tipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-Emendi b'perjodu ta' sitt xhur,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni f'waħda mis-sessjonijiet li jmiss tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO") għandha tkun li tappoġġa l-Emenda 91 proposta għall-Anness 10, Volum III tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") fl-intier tagħha.

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni wara l-adozzjoni mill-Kunsill tal-ICAO tal-Emenda 91 għall-Anness 10, Volum III tal-Konvenzjoni ta' Chicago għandha tkun li tinnotifika konformità mal-miżura adottata bi tweġiba għall-ittra rispettiva tal-ICAO lill-Istati.

Artikolu 2

Jekk il-Kunsill ICAO ma jipposponix id-data tal-applikazzjoni tal-Emenda 77B għall-Anness 3, tal-Emenda 13 għall-Anness 14, tal-Emenda 40 għall-Anness 6 u tal-Emenda 39 għall-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago u l-Unjoni temenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/469 u 2019/1387 u r-Regolament Delegat C(2020)710 final[8] biex tiġi ttardjata l-applikazzjoni tagħhom b'sitt xhur, għandha tiġi nnotifikata differenza korrispondenti mid-data tal-applikazzjoni tal-Emenda 77B għall-Anness 3, tal-Emenda 13 għall-Anness 14, tal-Emenda 40 għall-Anness 6 u tal-Emenda 39 għall-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO.

Il-pożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 2 għandhom jiġu espressi mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

[8] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni C(2020)710 final li jemenda r-Regolament (UE) Nru 139/2014 fir-rigward tas-sikurezza tar-runway u d-*data* ajrunawtika.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President